**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Marco Vassallo**

Kumpilazzjoni Numru: 706/2013

Illum 25 ta' Mejju, 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Marco Vassallo, iben Carmelo u Evelyn nee' Benedetti, imwieled l-14 ta' Ottubru 1972, Pieta', residenti 37, Ave Maria, Triq Kottonera, Birgu u detentur tal-karta ta' l-identita' 456372(M):

Talli fil-lejl ta' bejn il-11 u 12 ta' Lulju 2013 ghal habta tat-3:00am f'dawn il-gzejjer, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorrix €1,164.69 pero' teccedi €116.47 ghad-dannu ta' Cecilia Dimech;

U akkuzat talli, f'dawn il-Gzejjer fis-26 ta' Lulju 2013 u fil-granet/gimghat ta' qabel b'diversi atti maghmulin mill-imputat, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda (art.18 Kap 9);

Akkuzat aktar talli kkaguna biza' lil Cecilia Dimech li ser tintuza' vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha (Art 251B tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali);

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Cecilia Dimech (Art 339(1)(e) Kap 9 tal-Kodici Kriminali);

Akkuzat aktar talli permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel xi reat u/jew ghamel uzu mhux xieraq bih (Ar 49(a)(c) Kap 399)

Akkuzat talli kiser Ordni ta' Probation moghtija mill-Magistrat Dr S. Demicoli LL.D. fis-26 ta' Frar 2013.

Il-Qorti ntalbet li f'kaz ta' htija tipprovdi ghal garanzija ta' Cecilia Dimech skont artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti ntalbet li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza cioe' Cecilia Dimech jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat (Art 412C Kap 9 tal-Kodici Kriminali).

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(a) Fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 18 u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikoli 18 u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikoli 18 u 49(a)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Fl-artikoli 7, 21, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) Fl-artikoli 382A, 383, 384, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat li l-imputat fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2015 ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u wara li nghata zmien biex jikkunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2015 gie dikjarat mill-imputat li d-dannu pretiz gie saldat.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti tqis in-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fedina penali tal-imputat u l-fatt li l-imputat ghamel tajjeb ghall-hsara kagonata. Tenut kont ta' dan kollu l-Qorti tqis li jkun aktar opportun li l-imputat jitpogga taht ordni ta' probation sabiex incidenti simili bhal dawk odjerni ma jergghux isehhu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 325(1)(b), 251B; 339(1)(e) ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 49(a)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Cecilia Dimech u familjari taghha.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Ufficcju tad-Direttur tal-Probation.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat